MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 380/2005

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Imperial Tobacco Limited
vs
Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tal-4 ta' Mejju 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Grand Harbour Promotions Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi s-socjeta` attrici Imperial Tobacco Limited ta' P.O. Box 244, Upton Road, Bristol, BS99 7UJ, tal-Ingilterra kienet proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "REGAL" kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti skond kif kien jidher fuq id-Dokument "A", u d-Dokument "B";

Peress illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali tal-istess kelma "REGAL" u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f'Malta taht Trademark No. 13988 u Trademark No. 16003, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f'Dok. "A" u f'Dok "B"), ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi rruzulta li fil-25 ta' Frar 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "NORASIA HAMBURG", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' sigaretti li kienu jgibu l-markju "REGAL" kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja kienet tikkonsisti f'erbgha mija u wiehed u ghoxrin (421) kaxxa maghrufa bhala ***master cases*** b'***Container*** Nru. CCLU 3137350 u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414;

Peress illi mill-Manifest (Shipping Cargo Manifest)/Polza ta' Kargu Numru 8SHAMLA3A3467 irrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni kienu indikati bhala Grand Harbour Promotions Ltd, Knights Templar House Birkirkara Hill, St Julians SJN05 Malta, mentri d-dettalji tax-***Shipper*** kienu indikati bhala Changzhou Everglow Co. Ltd. Changzhou Jiangsu China;

Peress illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li kienu jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali kien projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi dawn is-sigaretti in kwistjoni kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici, skond l-Artikolu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-KAP. 414, li favur taghha kienu rregistrati l-markji u distintivi "REGAL", billi nstab illi dawn l-istess sigaretti kienu prodotti falsifikati skond l-analizi li kienet ghamlet is-

socjeta` attrici (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument "C");

Peress illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-'New Port Bonded Stores', Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok "E");

L-attur nomine talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, kienu falsifikati;

*2.* Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati kienu jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414 fil-konfront tat-***Trademarks*** registrati bin-Numri 13988 u 16003 tal-Markji "REGAL" u/jew is-sinjali distintivi li jiffurmaw parti mill-istess ***Trademarks****;*

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti falsifikati li kienet tikkonsisti f'erbgha mija u wiehed u ghoxrin (421) ***master cases****,* ikkostitwixxiet vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta, skond l-Artikolu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri

Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici;

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li eccepew:

1. Illi b'digriet tal-4 ta' Mejju 2005 kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta` Grand Harbour Promotions Ltd., li allura kellha tigi notifikata b'din ic-citazzjoni skond il-ligi.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, s'issa l-kuraturi ma kellhomx mezz jikkomunikaw mar rapprezentanti tas-socjeta` minnhom rapprezentata u ma kienux edotti mill-fatti.

3. Illi ghalhekk huma rrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine li fiha semma li s-socjeta` attrici Imperial Tobacco Limited ta’ P.O. Box 244, Upton Road, Bristol, BS99 7UJ, tal-Ingilterra kienet proprjetarja tal-marka tas-sigaretti “REGAL” kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti. Illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess kelma “REGAL” u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f’Malta **taht *Trademark No.*** 13988 u ***Trademark No.*** 16003, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi rruzulta li fil-25 ta’ Frar 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “NORASIA HAMBURG”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ sigaretti li jgibu l-markju “REGAL” kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti. Illi mill-Manifest (Shipping Cargo Manifest)/Polza ta’ Kargu Numru 8SHAMLA3A3467 irrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni kienu indikati bhala Grand Harbour Promotions Ltd, Knights Templar House Birkirkara Hill, St Julians SJN05 Malta, mentri d-dettalji tax-***Shipper*** kienu indikati bhala Changzhou Everglow Co. Ltd. Changzhou Jiangsu China. Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-Artikolu 4 ta’ l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni kkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici, skond l-Artikolu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-KAP. 414, li favur taghha kienu registrati l-markji u distintivi “REGAL”, billi nstab illi dawn l-istess sigaretti kienu prodotti ffalsifikati skond l-analizi li kienet ghamlet is-socjeta` attrici. Illi din il-konsenja ta’ sigaretti nzammet mill-Kontrollur tad-Dwana fin-‘New Port Bonded Stores’, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz.

Semghet bil-gurament lil Dr. David Tonna li qal li hu jirrapprezenta lid-ditta Imperial Tobacco. Hu kkonferma dak kollu li semma fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni.

Semghet bil-gurament lil George Scerri Ufficjal tad-Dwana bi specjalizzazzjoni fit-taqsima tal-Intellectual Property. Zied jghid li l-***container*** CCLU 3137350 ghandu polza ta' tghabija numru 8SHAMLA3A3467 u wasal Malta minn Shangai, ic-China. Il-vapur li gab dan il-***container*** Malta kien in-Norasia Humburg u d-data tal-wasla tieghu kienet il-25 ta' Frar 2005. Ix-***shipper*** tal-***container*** kien Changzhou Everglow Company Limited tac-China u bhala konsenjatarji din il-polza ta' tghabija kienet qed tirregistra li kellu jkun Grand Harbour Promotions Limited, Knights Templar House, Birkirkara Hill, St Julians, Malta. Skond id-dikjarazzjoni tal-***container*** il-kontenut kellu jkun 510 kaxxi registrati bhala ***promotional toys*** u minhabba din id-dikjarazzjoni, it-taqsima tad-Dwana li tiehu hsieb li iccekkjar tal-***containers*** qabel ma jigu rilaxxjati ghazlet li dan il-***container*** qabel ma johrog fit-triq kellu jigi scannjat bl-***x-ray machine*** u anke jigi ccekkjat fizikament. Wara li ghadda xi zmien ir-rapprezentant ta' dan il-***container***, ic-China Shipping kienu rcevew e-mail fejn bidlet l-istatus tal-***container*** u bdiet tinsisti li dan il-container kellu jinbidel minn ghal hawn Malta u jmur f'pajjiz iehor. Ghalhekk id-Dwana ddecidiet li tiftah dan il-***container*** u kien proprju fit-23 ta' Marzu 2005 li d-Dwana fil-prezenza ta' Brian Micallef in rapprezentanza tac-China Sipping kif ukoll tal-istess ***container***, fethet il-***container*** u nstab li flok ***promotional toys*** bhal ma kien dikjarat kellu sigaretti tad-ditta Regal.

Is-sigaretti tad-ditta Regal jappartjenu lill-kumpanija Imperial Tobacco Limited li hawn Malta ghandha rapprezentanza skond Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 5 u ghandha applikazzjoni biex id-Dwana tiehu mizuri meta jahsbu li jkun hemm xi affarijiet li jinfringu lil dan id-dritt. Iccekkjaw dawn is-sigaretti li sibu u kienu ta' l-opinjoni li setghu ma kienux originali. Ghaddew kampjuni lir-rapprezentanti cioe` lil Dr. Antoine Camilleri in rapprezentanza ta' din il-kumpanija hawn Malta Mamo

TCV u tawh il-kampjuni. Minhabba wkoll illi d-dikjarazzjoni tal-kontenut tal-***container*** kienet ma taqbilx, ghax kienet bhala toys u nstabu sigaretti, id-Dwana dehrilha li dan il-container kellu jinhatt kompletament u hadnieh gewwa New Port fis-26 ta' Marzu 2005. Instab li l-kontenut kien 421 kaxxa sigaretti u kull kaxxa kien fiha 10,000 sigarett tal-marka Regal.

Fit-30 ta' Marzu 2005 kienu gew infurmati minn Dr. Antoine Camilleri ghan-nom ta' Mamo TCV kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija Imperial Tobacco li dawn is-sigaretti kienu foloz, kontrafatti, u fit-22 ta' April 2005 Dr. Camilleri nfurmahom li kienet infethet kawza fil-Qrati Maltin. Dwar il-consignee qal li bhala kumpanija ma tezistix fir-registri ta' Malta imma kien hemm xi proceduri min-naha tad-Dwana u tal-Pulizija u nstab li seta' kien hemm xi Maltin li kienu qeghdin wara din il-kumpanija avolja din il-kumpanija ma tezistix. Fil-fatt hemm xi proceduri kriminali ghaddejjin kontra dawn il-persuni minhabba li kienu qed jabbuzaw b'isem falz ta' kumpanija.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati li fiha semmew li b'digriet tal-4 ta' Mejju 2005 kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta` Grand Harbour Promotions Ltd. Illi huma ma kellhomx mezz jikkomunikaw ma' min jirrapprezenta jew ghandu interess f'din il-kumpanija u ma kienux edotti mill-fatti ta' dan il-kaz. Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur ma gie kontradett.

Fit-8 ta' Lulju, 2005 Dr. Cuschieri pprezenta nota minn fejn jirrizulta li kiteb lis-socjeta` attrici sabiex tinghata kull forma ta' hjiel dwar min jista' jigi komunikat fl-interess ta' l-allegata socjeta` konvenuta rapprezentata minnu, izda r-risposta kienet fin-negattiv. Illi hu kien ikkomunika mar-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-Awtorita` Maltija ghas-Servizi Finanzjarji ghal darba darbtejn sabiex jindaga dwar din il-kumpanija izda gie konfermat lilu li ma tezisti ebda kumpanija registrata hawn Malta bl-isem Grand

Harbour Promotions Ltd., jew xi kumpanija fl-indirizz moghti. Illi ghalhekk hu baqa’ mhux edott mill-fatti u rrimetta ruhu ghall-provi prodotti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` Imperial Tobacco Limited ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Irrizulta li fil-25 ta’ Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur Norasia Hamburg konsenja ta’ sigaretti tal-marka Regal fuq ***container*** CCLU 3137350. Dr. Tonna f’ isem is-socjeta` attrici kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom l-Ingilterra biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li s-sigaretti kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-New Bonded Stores il-Mars. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Intellectual Property li semma li fit-23 ta’ Marzu 2005 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 11 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta’ David Blunt, Product Supply Compliance Manager ma’ Imperial Tobacco Limited, li fiha jinghad “Upon examination by an Imperial Tobacco Limited analyst these cigarettes have been found to be counterfiet. The reasons for this finding are as follows…”, u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.
It-talba attrici m’hi b’ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Atta tal-1997 dwar id-Drittijiet ta’ Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn David Blunt u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta’ Dr. David Tonna, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni kienu falsifikati.

Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati kienu jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414 fil-konfront tat-***Trademarks*** registrati bin-Numri 13988 u 16003 tal-Markji "REGAL" u/jew is-sinjali distintivi li jiffurmaw parti mill-istess ***Trademarks***.

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti falsifikati li kienet tikkonsisti f'erbgha mija u wiehed u ghoxrin (421) ***master cases****,* ikkostitwixxiet vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta, skond l-Artikolu 8 tal-Kap. 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti "tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` attrici", fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b' dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------